22001D0144

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 144/2001

tal-11 ta' Diċembru 2001

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għall-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 131/2001 tat-23 ta' Novembru 2001 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/502/KE tal-25 ta' Lulju 2000 li temenda d-Deċiżjoni 93/42/KEE dwar garanziji addizzjonali relatati mar-tal-bovini infettiv għal bovini destinati għal ċerti partijiet tat-territorju tal-Komunità ħielsa mill-marda u li tirrevoka d-Deċiżjonijiet 95/109/KE u 98/580/KE ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/504/KE tal-25 ta' Lulju 2000 li tistabbilixxi miżuri transitorji fir-rigward ta' l-ittestjar għat-tuberkulosi tal-bovini ġol-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għall-Islanda u l-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Parti 4.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 12 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/42/KEE):

"– **32000 D 0502**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/502/KE tal-25 ta' Lulju 2000 (ĠU L 200, tat-8.8.2000, p. 62)."

2. It-test tal-punti 27 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/109/KE) u 45 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/580/KE) taħt l-intestatura "ATTI LI L-ISTATI TA' L-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM JIKKUNSIDRAW B'MOD XIERAQ" għandu jiġi mħassar.

3. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 55 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/330/KE):

"56. **32000 D 0504**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/504/KE tal-25 ta' Lulju 2000 li tistabbilixxi miżuri transitorji fir-rigward ta' l-ittestjar għat-tuberkulosi tal-bovini fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE (ĠU L 201, tad-9.8.2000, p. 6)."

([1]) ĠU L 22, ta' l-24.1.2002, p. 15.
([2]) ĠU L 200, tat-8.8.2000, p. 62.
([3]) ĠU L 201, tad-9.8.2000, p. 6.

Artikolu 2

It-testijiet tad-Deċiżjonijiet 2000/502/KE u 2000/504/KE fl-ilsien Norveġiż, li għandu jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2001, prevista li n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ġew magħmula lill-Kumitat Konġunta taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-, u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-, *Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, 11 Diċembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

B. GRYDELAND

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali indikati.